*Bir-rajun o Banda tagħna*
*Miegħek nibqgħu magħqudin*
*Għax il-kbir ismek Sant'Andrija*
*Huwa l-għaxqa tal-Ħalluqin*



# Kappelli ddedikati lill-Appostlu Sant'Andrija

**Charles Attard**

F'Malta, id-devozzjoni lejn Sant'Andrija hija waħda antika. Xhieda ta' dan huwa r-rapport li għamel waqt iż-żjara f'Malta Mons Dusina mibgħut mill-Papa Girgor XIII fl-1 ta'Settembru 1574 fejn sab dawn il-knejjes iddedikati lil Sant'Andrija. Waħda l-Imdina fil-limiti tal-Katidral, oħra fil-Birgu fejn ix-xatt u oħra fejn iċ-ċimiterju ta'San Lawrenz, oħra fil-Mellieħa, in-naħa tal-Mosta, il-Knisja principali ta' Ħal Lija, f'Birkirkara in-naħa tal-Ħatar, oħra Ħal Qormi, oħra fiż-Żurrieq in-naħa ta' Bubaqra u oħra f'Ħaż-Żebbug.

Minn dawn ġew iprofonati ta l-Imdina tal-Birgu u ta'Ħaż-Żebbuġ f'inħawi ta'Ħal Muxi. Fl-istess rapport Mons Dusina kiteb li fil-gżira ta'Għawdex kien hemm kappella ddedikata lil dan il-qaddis, fil-limiti tar-raħal taż-Żebbug.

In-nies fl-ibliet u fl-irħula tal-madwar kienu jibnu numru ta' kappelli żgħar u jiddedikawhom għal xi qaddis jew qaddisa li kienu jkunu patruni ta' xi sengħa partikulari. F'każi oħrajn, il-kult lejn dawn il-qaddisin kien jixxettel minn xi devozzjoni kbira lejn xi qaddis minn bliet fil-qrib, preferut tagħhom.

F'dan l-artiklu ser nagħtu ħarsa lejn il-postijiet li fihom kont jew għadek issib kappela ddedikata lil Sant'Andrija. Il-kult lejn dan il-qaddis f'uħud minn dawn il-kappelli spiċċa għal kollox minħabba l-fatt li naqsu sew in-numru ta' sajjieda li dan il-qaddis huwa l-patrun tagħhom. F'każi oħrajn, kappelli ddedikati lejn dan il-qaddis ma baqgħux jeżistu.

Jissemmew numru ta' kwadri bi xbiha ta' Sant'Andrija fuq artali fi Knejjes Parrokkjali diversi li jfakkruna li xi darba, fil-limiti tal-Parroċċa kien hemm xi forma ta' kappella ddedikata lil dan il-qaddis.

## Ħal Luqa

Fir-raħal ta' Ħal Luqa, lura lejn is-Seklu Ħmistax kien hemm numru ta' kappelli. Waħda minnhom kienet fiċ-ċentru tar-raħal, tintuża minn bosta nies, tant li kienet meqjusa bħal l-knisja prinċipali tar-raħal u kienet iddedikata lill-Appostlu Sant'Andrija. Din il-kappella ġiet mibnija mill-ġdid bejn is-sena 1539 u l-1542.

Kellha tlett artali, bl-artal maġġur iddedikat lil Sant'Andrija. Fuq dan l-artal, fis-sena 1600, tpoġġa kwadru bix-xbihat



L-ewwel kwadru titulari tal-knisja ta' Ħal Luqa fis-sena 1600. Kwadru bix-xbihat tal-Madonna, Sant'Andrija u San Pawl.



Il-kwadru li kien jinsab fil-kappella ta' Sant'Andrija f'Ħaż-Żabbar. Illum qiegħed fil-Mużew tas-Santwarju.



Kwadru ieħor ta' Sant'Andrija li jinsab fil-Mużew tas-Santwarju f'Ħaż-Żabbar.



Il-Kappella ta' Sant'Andrija f'Ħaż-Żabbar

tal-Madonna, Sant'Andrija u San Pawl. Il-knisja ta' Ħal Luqa saret Parroċċa fl-1634.

## Ħaż-Żabbar

F'Ħaż-Żabbar insibu l-kappella ta' Sant'Andrija fi Triq Alessio Erardi u tmiss ma' kappella oħra ddedikata lil San Duminku. Fiż-żjara li għamel fis-sena 1600 l-isqof Gargallo sab din il-kappella fi stat tajjeb. Il-kappella kienet inbniet minn familja Farrugia u kellha magħha żewġt'itmiem raba bil-bjar fihom. Fis-1615, din l-art kienet f'idejn Lorenzo Burlo mill-Birgu, li bħala possessur tagħha kien obligat jagħmel il-festa tal-qaddis bl-għasar u quddiesa, kif ukoll ikla lill-qassisin.

F'din il-kappella kien hemm pittura fuq l-injam li turi l-qaddis iżda nbidlet ma' pittura fuq it-tila li turi l-martirju ta' Sant'Andrija. Minħabba l-istat ħażin li kien fiha din il-pittura ttieħdet il-mużew tas-Santwarju fejn kienet restawrata minn Andrew Zarb.

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija din il-kappella ġarrbet ħsarat kbar. Wara l-gwerra l-Kappillan Zarb, flimkien mar-riċerkatur Karmenu Bonavia u bil-għajnuna tar-restawratur il-Kav. Rafel Bonnici Calì kienu ħadu ħsieb li tinbena mill-ġdid, b'rispett lejn il-bini originali. Il-kappella għandha bieb b'arkata fuqu. Fuq il-bieb hemm tieqa tonda u fuqhom kampnar sempliċi b'salib żgħir tal-ġebel fuqu. Fiha nsibu artal u żewġ niċeċ.

Din iż-zona sal-lum għadha magħrufa bħala z-zona ta' Sant'Andrija.

## Iż-Żurrieq

Fiż-Żurrieq insibu kappella oħra ddedikata lil Sant'Andrija Appostlu. Din qiegħda int u sejjer lejn Ħal-Safi, ħdejn il-Mitħna tax-Xarolla. Il-Kwadru titulari ta' Sant'Andrija jingħad li hu xogħol il-pittur Francesco Zahra. Dan il-kwadru llum jinsab fis-sagristija tal-knisja Parrokkjali taż-



Il-kwadru titulari li kien fil-kappella ddedikata lil Sant'Andrija fiż-Żurrieq, illum jinsab fis-Sagristija tal-Knisja Parrokkjali taż-Żurrieq.



Il-kappellla ta' Sant' Andrija fil-Mosta.

Żurrieq. Fil-Knisja Parrokkjali wkoll insibu artal iddedikat lil dan il-qaddis. Fiż-Żurrieq insibu kappella medjevali ddedikata lil-Lunzjata fejn fiha, fost l-affreski li għandha nsibu dik ta' Sant'Andrija.



Il-Kappella ta' Sant'Andrija fiż-Żurrieq

**Il-Mosta**

Fit-tarf tal-Mosta, ftit il ġewwa mit-triq prinċipali li twasslek għar-Rotunda, nsibu kappella medjevali ddedikata lil Sant'Andrija. Dawn l-inħawi dak iż-żmien kien jagħmel parti man-naħa tal-Mellieħa kif kien semmiha Mons. Pietru Dusina.

Din il-kappella hija mibnija fuq numru ta' ħnejjiet. Il-kwadru titulari li nsibu fuq l-artal ta'din il-kappella huwa xogħol ta' Filippo Dingli, fejn naraw lill-qaddis iżomm is-salib li fuqu ħa l-martirju tiegħu. Fil-festa tiegħu fit-30 ta' Novembru kienu jinżlu żewġ kanonċi tal-Katidral sabiex jiċċelebraw il-festa tal-qaddis. Użanza marbuta


Kwadru ta' Sant'Andrija, xogħol Filippo Dingli. Dan il-kwadru għadu jinsab f'din il-Kappella tal-Mosta.

ma' din il-festa kienet li jitqassam il-lewż u ġellewż lil dawk preżenti waqt il-funzjoni.

Fatt interessanti huwa kemm din il-kappella kif ukoll dik taż-Żurrieq jixbhu ħafna lil xulxin u t-tnejn iddedikati lil Sant'Andrija. Kien hemm raġel miż-Żurrieq jismu Indri Bonnici, magħruf bħala Berniġi, li kien dilettant taż-żwiemel. Darba ħarab bih dan iż-żiemel u sfratta. Dak il-ħin għamel wegħda ma' Sant'Andrija li jekk jgħaddi kollox b'wiċċ il-ġid fejn jieqaf, jibni kappella lill-qaddis li ġġib ismu. Dan iż-żiemel għejja f'dawn l-inħawi tal-kappella u hawnhekk huwa bena din il-kappella kif wiegħed u oħra fiż-Żurrieq minn fejn kien ġej.

Minħabba l-iżvilupp li sar biswit u l-inġenji kbar li jgħaddu eżatt minn magħha din il-kappella, maż-żmien ġarrbet ħsarat kbar u tfaċċaw diversi konsenturi.

Għalkemm illum din il-kappella tintuża biss f'xi okkażjonijiet partikolari viċin tagħha nsibu Ċentru Pastorali Sant'Andrija msemmi għal din il-kappella.

## Il-Birgu

Wieħed mix-xtut ta' Malta l-aktar imfittex kien bla dubju dak tal-Birgu. Mhux biss għax fl-inħawi kien hemm ħafna sajjieda iżda wkoll għax kienu jużawh ħafna baħħara. Hawnhekk, is-sajjieda kienu ħasbu sabiex jibnu Knisja għall-użu spirtwali tagħhom fl-1524 iddedikata lil Sant'Andrija.

Din il-kappella kienet int u sejjer lejn Sant'Anġlu u nbniet bi flus is-Sinjura Giovanna Axiach. Insibu li l-atti tan-Nutar Vincenzo Bonaventura de Bonetes fit-testment tagħha waqqfet guspatronat lajkali li kien jikkonsisti f'dar li tmiss mal-knisja biex joqgħod ir-Rettur, flimkien ma' tlett biċċiet ta' art oħra biex bir-renta tagħhom ir-Rettur ikollu biex jgħix u jagħmel l-obbligu tal-fondazzjoni. Din il-kappella kellha numru ta' Retturi, l-ewwel wieħed


Sotto relief li qiegħed fil-Paroċċa tal-Birgu b'tifkira tal-Kappella ta' Sant'Andrija. Alto-reliev ta' Sant'Andrija li jinsab fil-Parroċċa ta' San Lawrenz il-Birgu biex ifakkar Knisja Benefiċjali tal-istess qaddis li kienet saret fl-1537 fix-xatt tal-Birgu.

kien Dun Franġisk Abela u l-aħħar Rettur li kien hemm fis-sena 1692 kien Dun Mikiel Bonnici. Il-kappella kellha żewġ bibien. Il-kbir fil-faċċata, li jħares lejn il-baħar u ż-żgħir mal-kantuniera. Kellha tiġi mwaqqa minħabba raġunijiet ta' difiża fi żmien il Gran Mastru tal-Ordni Gregorio Carafa sabiex jibnu minflokha mħażen għall-użu tal-flotta. B'tifkira ta' din il-kappella, mal-faċċata ta' wieħed minn dawn l-imħażen insibu salib f'niċċa kbira.

F'din il-kappella konna nsibu żewġ kwadri tal-martirju ta' Sant'Andrija. Dawn huma replika tal-oriġinali ta' Guido Reni u Domenici Zampieri li jinsabu fl-Oratorju ta'Sant'Andrija fil-knisja ddedikata lil San Gregorio ta' Monte Celio. Illum, il-kwadri li kienu jinsabu fil-kappella qegħdin fil-kor tal-knisja parrokkjali tal-Birgu.



Il-Kappella ta' Sant'Andrija ġewwa Ħal Lija



Il-kwadru titulari li kien fil-kappella ta' Ħal-Lija bix-xbiha ta' Sant'Andrija flimkien mas-Santissma Trinità.
Illum dan il-kwadru jinsab fil-Knisja l-Qadima tas-Salvatur.

Fil-Birgu konna nsibu kappella oħra ddedikata lil Sant'Andrija. Din kienet tinsab fiz-zuntier tal-knisja ta San Lawrenz iżda din, minħabba li kienet żgħira fid-daqs u fqira ħafna, fl-1575 ġiet profonata waqt iż-żjara li kien għamel Mons. Dusina.

**Ħal Lija**

Il-Kappella ta' Sant'Andrija hija waħda mill-kappelli l-aktar qodma u importanti fir-raħal ta' Ħal Lija. Meta fl-1575 Mons. Dusina żar din il-kappella għalkemm ma kinetx fi stat tajjeb waqqaf fiha l-fratellanza tas-Sagrament. Din il-kappella kienet l-iktar waħda iffrekwentata fir-raħal u n-nies talbuh biex iwaqqaf parroċċa fiha peress li sa dakinhar kienu jagħmlu parti mill-parroċċa

ta' Birkirkara. Minħabba li ma kinetx fi stat tajjeb, fis-Seklu sbatax, in-nies ta' Ħal Lija bnew mill-ġdid din il-kappella. Fuq it-tieqa tal-bieb hemm imnaqqxa s-sena 1628, id-data ta' meta tlestiet.

F'din il-kappella kien hemm kwadru titulari li jirrappreżenta lil Sant'Andrija Appostlu u Martri, flimkien mas-Santissma Trinità. Dan il-kwadru llum jinsab fil-Knisja l-qadima tas-Salvatur.

Matul iż-żmien, din il-kappella serviet bħala post tat-tagħlim tad-duttirna iżda bħalma ġara f'ħafna mill-kappelli l-oħrajn għalkemm din id-devozjoni lejn il-qaddis spiċċat mhux l-istess nistgħu ngħidu għal dawn l-inħawi li jdawru din il-kappella. Fl-1880 f'Ħal Lija twaqqfet is-Soċjetà Sant'Andrija li ħadet isimha proprju minn din il-knisja. F'din is-Soċjetà nsibu d-diversi opri li jfakruna fil-qaddis, fosthom statwa tal-ġebel fil-ġnien tal-każin. Fil-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Lija, f'nhar il-festa liturġika ta' Sant'Andrija, fit-30 ta' Novembru ssir Quddiesa Kantata.

**Ħal Tarxien**

F'Ħal Tarxien konna nsibu kappella fl-inħawi magħrufa bħala tal-Barrani. Din il-kappella tissemma għall-ewwel darba fil-viżta li għamel l-Isqof Gargallo fis-sena 1600 iżda mhux inkluża ma' Ħal Tarxien għaliex dak iż-żmien dawn in-naħat kienu jagħmlu parti miż-Żejtun. Biss insibu li fis-sena 1615 l-Isqof Cagliares jgħid li din il-kappella rurari li kienet ftit il-barra minn Ħal Tarxien kienet imwaqqa. Hawnhekk jissemma Mastru Ġulju Barbara li kien jieħu ħsieb din il-kappella. Kien qed iwettaq il-piżijiet tal-funzjonijiet li qabel kien isir fiha fil-parroċċa ta' Ħal Tarxien. Ġulju, apparti li ħa nteress fil-bini tal-knisja parrokkjali, ħadem sabiex fil-knisja jkun hemm kappella ddedikata lil Sant'Andrija. B'digriet tal-Isqof, Ġulju ntrabat li jagħti mitt skud għall-bini tal-knisja u fiha jingħata artal li fih jaqdi d-dmirijet li bihom kienet marbuta il-Kappella ta' Sant'Andrija.

Mastru Ġulju Barbara wiegħed mhux biss li jagħmlilha l-kwadru u ħwejjeġ oħra imma ta wkoll lill-knisja parrokkjali għalqa msemmiha l-ġnien ta' Sant'Andrija fejn kien hemm il-kappella oriġinali ta' dan il-qaddis. Dan kollu nsibuh fl-atti tan-Nutar Marju Calleja nhar it-13 ta' Ottubru 1620. Aktar tard nsibu li sar kwadru ta' Sant'Andrija flimkien ma' dak ta' San Nikola li f'dan ir-raħal kien hawn żewġ kappelli ddedikati għalih u issa ġew inkorporati mal-Knisja Parrokkjali. B' hekk, dan il-kwadru, fuq l-artal ta' din il-kappella fil-Parroċċa l-ġdida kienet qed tissostitwixxi tlett kappelli, tnejn lil San Nikola ta' Bari u waħda ta' Sant'Andrija.

Dan l-artal, lejn l-aħħar tas-Seklu Tmintax ġie ddedikat altar ta' San Franġisk de Paola. Illum, fil-Knisja Parrokkjali nsibu biss pittura ta' Sant'Andrija f'wieħed mill-pilastri tal-Knisja Parrokkjali.

**Kappelli Oħra**

Jidher li Ħaż-Żebbug kien hemm kappella ddedida lil Sant'Andrija iżda ftit li xejn sibt informazzjoni fuqha. F'Ħaż-Żebbuġ insibu ċimiterju ddedikat lil Sant'Andrija li kien sar li żmien il-mard tal-pesta fejn aktar riċenti tkabbar u reġa' beda jintuża.

Skont ir-rapport ta' Mons. Dusina f'Birkirkara wkoll kien hemm kappella ddedikata lil Sant'Andrija. Għalkemm ma sibt xejn fuq din il-kappella jista' jkun li din kienet il-bidu ta' devozzjoni li għadha teżisti sal-lum. Fil-Bażilika ta' Santa Liena nsibu l-fratellanza ta' Sant'Andrija u artal iddedikat lill-qaddis.

L-istess nistgħu ngħidu għal Ħal Qormi fejn fil-knisja ta' San Ġorġ insibu wkoll artal ta' dan il-qaddis.

F'Għawdex, l-unika referenza għall-kappella ddedikata lil Sant'Andrija li kiteb fir-rapport Mons. Dusina hija dik taż-Żebbuġ

u llum jidher li din m'għadhiex teżisti. F'din il-Parroċċa nsibu artal iddedikat lil Sant'Andrija.

Id-devozzjoni lejn Sant'Andrija f'Għawdex tidher f ħafna knejjes u parroċċi oħra u dan narawh f'diversi opri bħal statwi, niċeċ u pitturi li nsibu fid-diversi parroċċi, toroq u xtajtiet fil-Gżira ta' Għawdex.

## Konklużjoni

Hija ħasra li dawn il-kappelli, llum, ħafna minnhom spiċċaw fix-xejn iżda ninnota li dawk li fadal qed jiġu restawrati u ppreservati biex jibqgħu bħala punt ta' referenza għad-devozzjoni li kellhom il-Maltin lejn il-qaddisin.

Meta kont qed nagħmel ir-riċerka ltqajt ma' sit interessanti fuq il-kappelli Maltin fejn sibt ħafna mill-informazzjoni meħtieġa. Sibt ukoll, li fuq is-sit soċjali *facebook* hemm paġna fejn fiha hemm grupp li jorganizzaw laqgħat u żjajjar fil-kappelli li hawn f'pajjiżna. Inizjattivi bħal dawn jgħinuna nifhmu aħjar l-għeruq tar-reliġjon tagħna f'pajjiżna. Nirringrazzja wkoll lil min kien ta' għajnuna fir-riċerka li għamilt u lil min għoġbu jaqsam miegħi materjal dwar dan is-suġġett.

**Referenzi**


www.Kappellimaltin.com

*Ħal Luqa Niesha u Ġrajjietha*, Dun Gużepp Micallef

Sit Parrokkjali www.luqaparish.com

Ħajja tal-Apostlu S.Andrija Dun Vincenz Vella

Il-Kappella ta' Sant'Andrija, Ħaż-Żabbar - Michael Buhagiar

Ritratti ta' Ġużeppi Theuma u Noel Ciantar

Ħajr lil Michael Buhagiar u lill-Mużew tas-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar.

Teżori fil-knejjes Maltin - Iż-Żurrieq. Tony Terribile

Teżori fil-knejjes Maltin - Mosta. Tony Terribile

Dr. George Cassar, il-Kappella ta' Sant Andrija fl-inħawi tal-Mosta, Socjetà Sant'Andrija - Ħal Lija, Programm tal-Festa tas-Salvatur, 2011.

Gregory Cauchi, Knejjes, kappelli u oratorji li kienu jeżistu fil-Birgu, Sit www.kappellimalta.com

Il-Birgu - Bliet u rħula Maltin - Alfie Gullaumier 1978.

Stephen Azzopardi sit Soċjetà Sant'Andrija, Ħal Lija.

Teżori fil-knejjes Maltin - Ħal Lija. Tony Terribile.

Ħal Tarxien, Il-knisja tiegħu u nies.